REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 611/2009

tal-10 ta' Lulju 2009

li jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 1276/2008 dwar il-monitoraġġ, permezz ta' verifiki fiżiċi tal-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li qegħdin jirċievu rifużjonijiet jew somom oħra

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Kommunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 170(c) u 194(a), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 11(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1276/2008 ([2]) u l-Anness II għal dak ir-Regolament jikkorrispondu rispettivament, skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IX għal dak ir-Regolament, l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3122/94 tal-20 ta' Diċembru 1994 li jistabbilixxi kriterji għall-analiżi ta' riskji rigward il-prodotti tal-agrikoltura li jirċievu rifużjonijiet ([3]). B'mod partikolari, il-punt (a) tal-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 1276/2008 jikkorrispondi għall-ewwel inċiż tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 3122/94. Madankollu, fejn l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 3122/94 jirreferi għal kriterji stipulati fit-tieni paragrafu komplet tal-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament, l-Artikolu 11(5)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1276/2008 jirreferi biss għall-kriterji stipulati fil-punt 1 tal-Anness tiegħu.

(2) Billi n-notifika dwar l-analiżi tar-riskju għandha tkopri kull element ta' riskju rilevanti, kif kien diġà stipulat fir-Regolament (KE) Nru 3122/94, il-limitu għall-punt 1 tal-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1276/2008 fl-Artikolu 11(5)(a) ta' dak ir-Regolament għandu jiġi kkoreġut skont dan.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENTI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru 1276/2008, il-punt (a) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(a) il-miżuri meħuda, inklużi l-istruzzjonijiet lid-dipartimenti nazzjonali, biex japplikaw is-sistema ta' għażla fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju, fid-dawl tal-kriterji msemmija fl-Anness II;".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 339, 18.12.2008, p. 53.
([3]) ĠU L 330, 21.12.1994, p. 31.